KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 12**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh, nhar il-Ħamis, 5 ta' Marzu, 2020, fis-6.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Cynthia Tommasuolo - Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Louise Portelli – Kunsillier
Carmen Borg - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**12.01 ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

12.01.01 Ma kien hemm l-ebda assenti.

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**12.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

12.02.01 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 11 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**12.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** rimarka li l-attivita' ta' tnedija tal-ktieb li tfakkar l-attivita tal-palju kienet suċċess. Huwa informa lil kunsill li bis-saħħa ta' s-sur Joe Cordina, il-kunsill ma ħareg xejn flus.

12.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** infurma li l-kunsill li għal proġett li jinkludi it-Tender For The Restoration Of Toilets And Showers As Part Of The Hamrun Old Railway Station Project (Erdf05.105) qed nistennew mingħand Scouts.

12.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li sa jiġu ordnati il-fanali ta' Pjazza 7 ta' Ġunju.

12.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li f'Marzu sa jibda ix-xogħol fuq is-sistema ta' irrigazzjoni.

12.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li sa tintbagħat ittra ir-residenti ta' Triq il-Kanun biex ninformawom fejn sa jsir id-dawl meħtieġ.

12.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li ix-xogħol fuq il-funtana ta' Pjazza San Pawl miexi ġmielu.

12.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li jintalbu il-permessi ta' bini jew alterazzjoni fl-istruttura għal dawk li jiġu jitolbu xi permess mil-kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li fi Triq Ċensu Buġeja beda ix-xogħol min kuntrattur, iżda l-kunsill għamel xi ilmenti f'isem ir-residenti u għaldaqstant bħalissa hemm kuntrattur ġdid u qed jiranġa dak li sar ħażin. Huwa rimarka wkoll li bħalissa qed issir ix-xogħol fejn il-Franġiskani kif ukoll qed jingħata t-tarmak fi triq Vllambrosa.

12.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** rimarka li l-Karnival fil-Ħamrun reġa kien suċċess, huwa qal li l-Karnival tal-Ħadd ġibed ħafna atenzzjoni tal-medja kif ukoll attendenza kbira. Rimarka wkoll li diżapuntat li l-għaqdiet mhux jipparteċipaw u issuġerixxa li l-kunsill jibda jighnom biex jagħmlu karrella. Il-Kunsill qabel ma din id-deċiżjoni.

Huwa qal ukoll li dak ta' s-Sibt għadu daqsxejn kalm iżda jemmen li kien tajjeb ukoll. Il-**Kunsillier Efrem Buttiġieġ** qal li anki huwa jemmen li kien suċċess u xtaq jirringrazzja lil **Kunsillier Carmen Borg** ta' l-għajnuna.

12.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** infurma lil kunsill li wara diversi rapporti dwar illegalitajiet fuq gallariji, l-ERA għanda tieħu azzjoni dwarom.

12.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** iinfurma lil kunsil li qed issir kuntatt kontinwu mal-puluzija dwar ħinijiet ta' ħwienet kontra il-liġi, kif ukoll dwar individwi lil qed ikun qed jitlajaw fi' Pjazza San Pawl.

**12.04 Il-Ġimgħa l-Kbira fil-Ħamrun**

12.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li saret laqgħa fejn intaqaw id-dilettanti, huwa qal li ġie deċiż li jsir sottokumitat għad-dilettanti tal-Ħamrun. Huwa informa lil kunsill li sa jsir "Flyer" kif ukoll poster. Huwa qal li kien hemm qbil li jsir video qasir bl-affarijiet tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Ħamrun.

12.04.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li ħa terġa' issir id-drama ta' fuq iz-zuntier. Huwa rimarka li din is-sena sa tkun tinkludi atturi popolari. **Il-Viċi Sindku Vince Bonello** rimarka li huwa importanti li dejjem ikun hemm ideat ġodda, biex din tibqa' interessanti. **Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti** rimarka li atturi ġodda jgħinu biex ikun hemm idejat ġodda.

**12.05 Zoni ta' Parkeġġ**

11.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li qed nistennew iktar informazzjoni mil-iskola ta' Marija Reġina u dik ta' Marija Assunta, kif ukoll li kellna konferma li l-muturi fil-parkeġġ tal-kunsill sa jkunu b'xejn jekk dan ma jkunx irrid "Parking Bay".

**12.06 Norwegein Funds**

12.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-propjeta' fi' triq Ħal Qormi mhux disponibbli. Huwa qal li minħabba li kien hemm limitu sa meta wieħed jista' japplika, il-kunsill għamel l-applikazzjoni fuq il-propjeta; li ħa tiġi devoluta lilna fi' triq il-kbira.

**12.07 Ħaddiema Klerikali**

12.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li ħarġet is-sejħa mal-kunsill għal Ħaddiem Klerikali. Kif ukoll għalqet is-sejħa biex tiġi ingaġġata persuna b'diżabbilta' permess ta' skema. Il-kunsill qabel li jsiru l-intervisti meħtieġa. Huwa informa wkoll li hemm possibilta li tiġi ingaġġata persuna oħra fuq bażi part-time permess ta' din l-istess skema. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieg fakkar li huwa qed jistenna min ta' l-Probation Deprtment biex jkellmuna dwar possibbilta' li jibgħatulna xi nies.

**12.08 Performance Apprasial 2019 – Segretarju Eżekuttiv**

12.08.01 Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata kollu.

12.09.02 **Skeda ta' Hlasijiet**

**12.09 Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' Ħlasijiet għax-xagħar ta' Marzu, 2020.

12.09.01 **Il-Kunsillier jurgen Carl Grixti** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issekonda l-mozzjoni.

l-iskeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**12.10 Ħwejjeġ Oħra**

12.10.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li flimkien ma' l-Kunsilliera Louise Portelli jixtiequ jippreżentaw ittra biex issir stqarrija f'isem il-kunsill dwar it-traġedja tal-Familja Pace. (Anness 1 )

**Il-Viċi Sindku Vince Bonello** qal li jaqbel ma din l-ittra speċjalment fid-dawl li l-Ħamrun hawn ħafna bini antik. Il-Kunsill qabel unaniment u qabel li tintbagħat l-istqarrija kif diskussa. (Anness 2)

**Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li inġabru €2,500 fuq il-kont ta' solidarjeta' mal-Familja Pace. Il-Kunsill qabel li dawn jingħataw 75 fil-Mija u 25 fil-mija jingħataw lil ġirien li jinsabu f'diffikulta' wkoll.

,

12.10.02 **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** infurmat lil Kunsill li organizza laqgħa għal-Cat Feeders tal-lokali u li l-proċess miexi biex jibdew jitqassmu il-vouchers għat-tiswija ta' l-Annimali.

12.10.03 **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** qalet li sa tiġi organizzata diskussjoni għal-Jum il-Mara

12.10.04 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** reġa' ġibed l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' triq Karmenu Abela. Is-Sindku Christian Sammut informaħ li qed nistenew risposta wara li rġajna għamilna pressjoni.

12.10.05 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** qal li jemmen li hemm bżonn mera, faċċata ta' Karmenu Abela. Il-kunsill qabel li issir ħidma biex naraw hux possibbli.

12.10.06 **Il-Kunsillier Carmen Borg** qalet li qed tipprepara għal-attivita' ta' l-Għidt il-Kbir.

12.10.07 **Il-Kunsilliera Carmen Borg** rimarkat li-bankina quddiem l-istabbiliment fi' Triq il-Kbira hija perikoluża. **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li qed issiru diskussjonijiet mal-kuntrattur biex din titranġa.

**12.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

12.01.01 Il-laqgħa intemmet fis-8:30p.m, u ġiet aġġornata għat-Tnejn 6 ta' April 2020 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, 28 ta' April, 2020

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv